

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Stiebel Eltron GmbH & Co. KG

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-trade mark verbali "KOMFOTHERM" għal prodotti fil-klassi 11

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: id-deċiżjoni kkontestata ma għaddietx mit-test tal-konstatazzjoni ta' xebh tal-prodotti.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2014 – Mabrouk vs Il-Kunsill

(Kawża T-277/14)

(2014/C 194/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Mohamed Marouen Ben Ali Bel Ben Mohamed Mabrouk (Kartaġni, it-Tuneżija) (rappreżentanti: J. Farthouat, J. Mignard, N. Boulay, avukati, u S. Crosby, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara li l-konvenut kiser l-Artikolu 265 TFUE billi naqas milli jieħu azzjoni dwar it-talba tar-rikorrent tas-17 ta' Jannar 2014, li huwa rrikonoxxa li rċieva, li jiżvela l-evidenza li serraħ fuqha meta ffriża l-assi tar-rikorrent fl-Unjoni Ewropea; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed.

Ir-rikorrent jallega li l-konvenut għandu l-obbligu legali li jiżvela lir-rikorrent l-evidenza li huwa bbaża ruħu fuqha meta ffriża l-assi tiegħu, u li l-konvenut kien ntab formalment jiżvela din l-evidenza u għalhekk kellu l-obbligu li jieħu azzjoni. Huwa ma ħax azzjoni, la billi żvela l-evidenza u lanqas billi rrifjuta li jagħmel dan, u għaldaqstant kiser l-Artikolu 265 TFUE.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2014 – Portnov vs Il-Kunsill

(Kawża T-290/14)

(2014/C 194/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Andriy Portnov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Cessieux, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara li r-rikors ta' A. Portnov huwa ammissibbli;
- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrent;